# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 495/2018 MH**

**Illum, 28 ta' Settembru, 2018**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs.**

**Norbert Pace u Francelle Pace Agius (K.I. numri 171581 (M) u 598383 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-Bank attur tat-18 ta' Mejju 2018** li permezz tieghu ippremetta:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 15 ta' Jannar 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool u permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' Novembru 2003 (Dok. "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Norbert Pace u Francelle Pace Agius.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Norbert Pace u Francelle Pace Agius fis-somma ta' disgha u sebghin elf, erba' mija u tlieta u disghin Ewro u sittin centezmu (€79,493.60) bilanc ghad-*debitu *fil-"Loan Accounts" ta'*

*Norbert Pace u Francelle Pace Agius mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5" u Dok. "C1 sa C7") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Mejju 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament billi Norbert Pace u Francelle Pace Agius*

   *(a) naqsu milli ihallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Norbert Pace u Francelle Pace Agius li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Norbert Pace u Francelle Pace Agius gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Awwissu 2017, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'D', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konventui ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibita bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Norbert Pace u Francelle Pace Agius (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Norbert Pace u Francelle Pace Agius li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

2. *Tikkundanna lil Norbert Pace u Francelle Pace Agius ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' disgha u sebghin elf, erba' mija u tlieta u disghin Ewro u sittin centezmu (€79,493.60) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Norbert Pace u Francelle Pace Agius mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5" u Dok. "C1 sa C7") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Mejju 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Awwissu 2017 (Dok. "D") kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati baqgħu ma ppreżentaw ebda risposta u la huma u lanqas difensuri għan-nom tagħhom ma dehru għas-seduti minkejja li l-konvenuta kienet ukoll ġiet assenjata avukat tal-għajnuna legali fuq talba tagħha stess.

Rat il-bqija tal-provi mressqa mill-Bank attur.

Rat li l-kawza ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-Bank attur kien ikkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenuti izda skont l-istess Bank dawn naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata, kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Norbert Pace u Francelle Pace Agius li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-Bank attur u għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna.

Ġiet esibita kopja tal-**iskrittura privata tal-25 ta' Novembru 2003** ffirmata mill-partijiet kontendenti permezz ta' liema kien ġie konċess lill-konvenuti *house loan* fl-ammont ta' €50,314 (Lm21,600) li kellu jitħallas lura skont it-termini u l-kundizzjonijiet fiha pattwiti[1].

Ġew esibiti wkoll kopji tal-***istatement of account* tal-konvenuti mal-Bank attur[2].**

Ġiet esibita wkoll **kopja legali tal-ittra uffiċjali tas-7 t'Awissu 2017** permezz ta' liema l-konvenuti ġew interpellati sabiex iħallsu s-somma dovuta sa dak il-perjodu li kienet tammonta għal €74,950.43[3].

Gie ppreżentat **affidavit ta' Johanna Bartolo għan-nom tal-Bank attur**[4] li xehdet kif bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt tal-15 ta' Jannar

[1] Fol 4 et seq
[2] Fol 11 et seq
[3] Fol 23

2004 u permezz ta' skrittura privata tal-25 ta' Novembru 2003 il-Bank illum attur ikkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenuti. Il-kreditu dovut lill-Bank sa dakinhar kien jammonta ghal €79,493.60 flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-15 ta' Mejju 2018 sad-data tal-pagament effettiv. Xehdet ulterjorment li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata msemmija partikolarment izda mhux esklussivament billi l-konvenuti naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lill-Bank attur kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata, kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Norbert Pace u Francelle Pace Agius li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-istess Bank imsemmi. Qalet ukoll li għalkemm ġew debitament interpellati biex iħallsu d-dejn fuq imsemmi permezz ta' ittra ufficjali tas-7 t'Awissu 2017 huma baqgħu inadempjenti u għalhekk il-Bank ma kellu ebda alternattiva għajr li jintavola dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti.

Semgħet ix-**xhieda ta' Dorianne Tanti in rapprezentanza tal-Bank**[5] li qalet li s-somma mitluba fir-rikors ġuramentat għadha kollha pendenti fl-intier tagħha għax ma saru ebda depożiti u l-imgħaxijiet kienu qegħdin jiżdiedu kuljum.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tinnota li l-faċilitajiet bankarji in kwistjoni ngħataw lill-konvenuti snin ilu u ċioe' b'kuntratt tal-2004 u skrittura privata tal-2003. Minkejja d-dekors taż-żmien u l-fatt li ġew anke nterpellati ufficjalment biex jersqu għall-ħlas tad-dejn imsemmi huma baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri.

[4] Fol 28
[5] Seduta tas-6 ta' Lulju 2018

Wara li rat il-provi mressqa fir-rigward il-Qorti tqis li t-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu akkolti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-Bank attur kif dedotti fir-rikors ġuramentat bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**